# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa, KI9001428A u Police number 14E-020** talli nhar is-27 ta' Diċembru 2016 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer : -

"

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-rniktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolarnenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, Iiema medicina nstabet f'tali cirkostanzi Ii juru Ii ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
2. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Iiema droga instabet f'tali cirkustanzi Ii juru Ii ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu,
3. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Iiema droga instabet Ptali cirkustanzi Ii juru Ii ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu

U aktar talli nhar is-27 ta' Dicembru 2016 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer:

4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-rniktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolarnenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati
5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' I-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' I-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli nhar is-27 ta' Dicembru 2016 u fis-sena ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer

7. Biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ~ ksur ta' I-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal- Ligijiet ta' Malta

U aktar talli:

Ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi I-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' I-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika I-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta”

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Diċembru 2016 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Illi matul l-eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat debitament assistit stqarr li kien inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni inkluż fis-sens illi għar-reati li ammetta għalihom tista'

tingħata piena ta' priġunerija jew pieni alternattivi u wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux ser jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Fliet id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali, inkluż il-fedina penali tal-imputat u semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Semgħet lill-imputat jisħaq li huwa kien vittma tal-vizzju tal-abbuż tad-droga għax li kien kollu minnu li huwa kien qiegħed juża d-droga u huwa saħaq li ma kienx jimmeritah jeħel il-ħabs iżda ladarba kien qiegħed jistqarr ħtijietu huwa ma kellux jeħel il-ħabs.  Huwa insista li jrid l-għajnuna.

Semgħet ukoll ix-xiehda tad-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin li spjega lill-Qorti l-proċedura li trid tiġi segwita biex persuna li tkun detenuta tkun tista' matul il-kors tal-inkarċerazzjoni tagħha tagħmel ukoll programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż tad-droga.

***Ikkunsidrat : -***

Fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, inkluż u b'mod partikolari dik tal-kommissjoni tar-reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, din il-Qorti ma għandhiex alternattiva

għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih skont kif intqal aktar il-fuq. Din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar il-piena li għandu jingħata l-imputat għar-reati kommessi minnu. Il-Qorti fehmitu li huwa diġa kien ingħata l-opportunita li jkun jista' jibdel ħajtu meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tagħtu sentenza ta' priġunerija sospiża. Anzi dik il-Qorti kienet bidlet is-sentenza tal-ewwel Qorti li kienet ikkundannatu għal perjodu ta' sentejn priġunerija effettivi fis-sens li biex tagħti ċans lill-imputat ibiddel ħajtu, għażlet li minflok tissospendi l-eżekuzzjoni tagħhom. Ir-riżultat kien li ftit aktar minn sitt xhur wara din is-sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Appell Kriminali huwa reġgħa inqabad jikkommetti delitti oħra. Huwa ċar li l-imputat ma fehemx jieħu l-opportunita tad-deheb li kien ingħata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Issa ma jistax jippretendi li din il-Qorti terġa tagħtih piena alternattiva għal dik ta' ħabs effettiv.

Meta huwa għażel li jwettaq ir-reati relatati mal-abbuż mid-droga sitt xhur wara li kien ingħata sentenza sospiża kien jaf li jekk jinqabad kien ser jeħel ta' kollox. L-aktar li din il-Qorti setgħet tagħmel huwa li tipprovdilu l-għarfien xi jrid jagħmel ladarba jkun fil-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. U kien għalhekk li ġabet lid-Direttur tal-istess Faċilita biex jixhed dwar dak li huwa jrid jagħmel minn issa l-quddiem, jekk verament irid jegħleb il-vizzju mill-abbuż tad-droga.

Dan pero ma jistax jippretendi li b'egħmilu ma għamel xejn ħażin għaliex anke jekk il-Liġijiet li jirregolaw l-abbuż mid-droga ġew illaxkati, l-istess emendi ma għandhomx jinftehmu li issa kollox jgħaddi u li l-abbuż mid-droga qisu ma jwassal għal ebda konsegwenza.

Wara kollox issa li jinsab jirrisjedi f'din l-art irid jagħraf ukoll li huwa jrid jobdi u jimxi mal-Liġijiet ta' din l-istess art li qegħda tilqgħu u mhux jgħix kif jiftillu moħħu, ċjoe ħajja ta' abbuż mid-droga, serq jew kriminalita oħra.

# *Deċide*

li wara li rat l-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 28A, 28B, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll tal-Artikoli 40A, 120A(1)(a)(1B)(2)(b)(i)(2A)(2B)(9), 120B, 121A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom x'Jaqsmu Magħha (Kap. 31), ir-regolamenti 2, 3, 4, 5, 11 u l-ewwel skeda tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) u fl-artikoli 22(3A)(3B)(7), 22A, 22B, 22Ċ, 22D, 22E, 27, 28, 29 u 30 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 2, 8(a)(d)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(b)(2)(b)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u r-regolamenti 2, 4(a), 9, 10, 15, u 16 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi [N.G. 292 tal-1939], il-Qorti qegħda ssib lil imputat **Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa**,

reċidiv f'delitti, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u wara li ħadet kont tal-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali tikkundannah :

i : kwantu għar-reati numri wieħed sa sebgħa għall-piena ta' **sittax (16) il-xahar priġunerija u multa t'elfejn euro (€2000)**;

ii : kwantu għat-tminn imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li **Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa** wettaq ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta miegħu għar-rigward tas-sentenza sospiża u konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta' **erbgħa u għoxrin xahar priġunerija** sospiżi għal sentejn għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat;

Għall-fini ta' kjarezza, bis-saħħa ta' din is-sentenza **Ayman Abul-Ez Mohammed Hanafwa** qiegħed għalhekk jiġi kundannat għal perjodu komplessiv ta' **erbgħin (40) xahar priġunerija flimkien mal-ħlas ta' multa ta' elfejn euro (€2000).**

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-corpus delicti u tal-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kommissjoni tar-reat u tordna wkoll id-

distruzzjoni tal-istess droga tal-abbuż eżibita fl-atti ta' din il-kawża skont dik il-modalita' li r-Reġistratur jidhirlu xierqa.

Stante li ma jirriżultax li ġew magħmula spejjeż peritali, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-istess talba.

***Illum id-disgħa jum mix-xahar ta' Jannar 2017, Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***

Ammissjonijiet/preżentata/priġunerija effettiva